KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 28

**L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2021**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' onlajn fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier (segwiet bejn is-5:45pm u s-6:15pm)

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 28.1 Qari tal-Apoloġiji

28.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 27

28.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

28.2.2 Il-minuti tas-seduti numru 27 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 28.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

28.3.1 Is-Sindku informa li kien bagħat kommunikazzjoni lil kulħadd dwar il-problema ta' aċċess għall-*bypass* minn Triq Palma fejn huwa kien qed jissuġġerixxi li d-dħul isir minn Triq Ġużeppi Galea u ħruġ isir minn Triq Palma. Min-naħa ta' IM dawn kienu kkonfermaw li t-*traffic lights* se jsiru xi mkien quddiem ir-Razzett tal-Palma u li l-għan tagħhom huwa wkoll biex iservu bħala *traffic calming measure*. Wara diskussjoni kien hemm qbil li kulħadd qed jaqbel mal-proposta tas-Sindku dwar id-dħul u ħruġ. Fuq proposta tal-Viċi Sindku kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jipproponi li jsiru xi bollards f'nofs il-wisa' tat-triq sabiex wieħed jagħżel it-triq minn qabel u għaldaqstant min ikun dieħel lejn jew ħiereġ minn l-Imtarfa jkollu żona aktar sigura fejn jistkenn. B'hekk ukoll, min ikun sejjer lejn ir-Rabat ikun jaf minn qabel li għandu jżomm fuq il-karreġġjata ta' ġewwa u jista' jibqa' għaddej bla ebda problema. Il-Kunsill qabel ukoll li minbarra l-bollards għandhom isiru tabelli kif ukoll marki mal-art li juru liema karreġġjata għandek issegwi biex tmur lejn l-Imtarfa jew ir-Rabat.

28.3.2 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar it-talba tal-Kunsill sabiex jiġu approvati t-toroq fuq direzzjoni waħda skont l-istudju ta' Slow Streets, is-SE infurmat li għalkemm kienet ċerta li lestietha, ma kinitx ċerta jekk din il-kommunikazzjoni kinitx intbagħtet minħabba li għamlet
28.3.3 7 ġimgħat issegwi d-direttiva tal-Union. Hija kkonfermat li l-għada kienet se tieħu ħsieb tivverifika u filkaż tieħu ħsieb li tibgħatha.

28.3.4 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu attendew laqgħa ma' membri mill-Università ta' Malta dwar il-facilita' tad-dimensja (it-tieni wahda f'Malta) li kienet se tiġi varata fl-Imtarfa. Huwa informa li kien hemm diskussjoni dwar koperazzjoni li jista' jkun hemm bejn iż-żewġ entitajiet sabiex dawn il-persuni jiġu integrati aktar fis-soċjetà tagħna.

28.3.5 Is-Sindku informa li kienet saret il-laqgħa dwar l-Iskola Internazzjonali b'madwar 60 parteċipant. Kienet saret ukoll laqgħa oħra għall-Kunsilliera ġurnata qabel dik mar-residenti. Fil-laqgħa ħareġ biċ-ċar li fuq prinċipju jkun hemm aċċess għall-kappella wara l-ħin tal-iskola; se jkun hemm aċċess organizzat għall-entitajiet; il-binja se tiġi restawrata taħt ghajnejn tal-SCH; se jikkollaboraw mal-Kunsill f'attivitaijet varji; eċċ. Huwa informa wkoll li wara li tidħol l-amministrazzjoni jkun hemm lok li l-Kunsill jiddiskuti formalment u jiġi ffirmat MoU dwar

dak kollu li jkun hemm qbil fuqu. Huwa semma' wkoll li fortunatament kienu qed jaraw ukoll valur fix-xelters u diġà aċċennaw għall-possibbiltà li ssir attrazzjoni turistika, għalkemm m'humiex priorità u għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jippretendi li jinvestu fihom għalissa. Is-Sindku semma' wkoll li skont l-informazzjoni li ngħatat waqt il-laqgħa, l-iskola ma kinitx se tkun meqjusa bħala *boarding school* għall-ewwel ftit snin tagħha. Finalment semma' li l-kamra mortwarja kienet se tiċċaqlaq u tintuża għal skop ieħor però l-għamara u l-affarijiet kollha tagħha se jintużaw bħala props fix-xelter. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar it-tankijiet tal-ilma, is-Sindku qal li ma kellux informazzjoni dwar x'se jsir minnhom imma li tajjeb li fil-laqgħa li jmiss, dawn jissemmew u tintalab informazzjoni dwar x'se jsir minnhom.

28.3.6 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar ix-xogħlijiet li saru fil-bosk, is-SE infurmat li tista' tgħaddi kopja tar-rendikont tal-ispejjeż li ġew mgħoddija lil Ambjent Malta biex wieħed jieħu idea aħjar ta' x'sar. Kien hemm qbil li għandu jsir ukoll xi filmat qasir dwar ix-xogħlijiet sabiex jintwera lill-pubbliku. Is-Sindku semma' wkoll li għadu qed jispera li jkun hemm xi tip ta' fondi biex tkun tista' titkompla l-estensjoni tal-bosk bejn il-parti li tinfetaħ u l-grada li saret fil-ħajt tal-Adult Training Centre.

28.3.7 Is-Sindku informa li fir-rigward tal-kwistjoni tal-klabb tal-futbol, kien ġie ffirmat il-ftehim biex il-grawnd tal-Imtarfa jgħaddi għand l-Imtarfa FC.

28.3.8 Is-Sindku informa li kienu għadhom għaddejjin il-preparamenti fir-rigward tal-proġett tal-pjazza u li issa dawn kienu għaddejjin b'ċertu ritmu. Huwa informa li l-mira hija li x-xogħol jibda f'Ottubru li ġej.

28.3.9 Is-Sindku informa li kien irċieva ittra min-naħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat dwar il-persentaġġi tal-ħasijiet proposti għall-vettura għall-użu tal-Pulizija tal-Komunità. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li r-Rabat kienu qed jipproponu li l-Kunsill iħallas 25% daqs Ħad-Dingli, l-Imdina 10% u r-Rabat 40%. Meta jinħadem il-persentaġġ skont il-kobor kif issuġġerixxa s-Sindku tar-Rabat, dan suppost għandu jkun ta' 78% għar-Rabat, 17% għal Ħad-Dingli u 2.5% għall-Imdina u l-Imtarfa. Għaldaqstant irrakkomandat lill-Kunsill biex ma jaċċettax il-persentaġġ kif issuġġerit mill-Kunsill tar-Rabat. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li biex il-persentaġġi jkunu aktar ġusti, s-SE għandha tissuġġerixxi li jkunu 10% għall-Imtarfa u għall-Imdina , 15% għal Ħad Dingli u 65% għar-Rabat.

28.3.10 Is-Sindku staqsa lis-SE biex tagħti rendikont dwar l-iskema tal-mobility għall-akkwist ta' vann tal-elettriku għall-komunità. Hija infurmat li kellha żewġ laqgħat onlajn dwar dan il-proġett u l-Kunsill jinsab fil-ħin fuq kull attività li kien mitlub jagħmel s'issa. Hija infurmat ukoll li fil-ġimgħat li ġejjin kien se tiġi ppubblikata l-offerta għal dan il-vann. Hawnhekk is-Sindku talab lis-SE sabiex tikkonferma jekk il-vehicle wrapping setax jiġi inkluż mill-ewwel max-xiri tal-vettura.

## 28.4 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

28.4.1 Is-SE infurmat li issa li l-Kunsill m'għadx għandu APO, hemm bżonn li tintagħżel persuna minn barra li taħdem bħala SE (jew APO) f'Kunsill ieħor sabiex taġixxi bħala DSE fin-nuqqas tas-SE. Għaldaqstant kienet qed tissuġġerixxi li l-Kunsill jaħtar lis-Sur Paul Gatt, SE fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar u resident Mtarfi, biex ikun id-DSE tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-SE.

## 28.5 Ħsara fi trakk fi sqaq fi Triq l-Għeriexem

28.5.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja ta' korrispondenza li twaslitilha dwar ħsara li seħħet lil trakk fi sqaq fi Triq l-Għeriexem.

28.5.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-SE għandha tivverifika ma' TM jekk trakk kbir simili setax jgħaddi minn Triq l-Għeriexem minħabba li din kienet biss trejqa bejn l-għelieqi. Il-Kunsill saħaq li kemm-il darba kien permessibbli li jgħaddi minn hemm, ċertament li l-assigurazzjoni tiegħu kienet se tkoprih għall-ispejjeż li għamel u allura ma kienx se jwassal it-talba lill-Kunsill.

## 28.6 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

28.6.1 Minħabba li l-Kunsillier Mifsud kienet attendiet biss għal nofs siegħa u kellha tirritorna lura għax-xogħol, ma setgħetx tgħaddi ebda kommunikazzjoni.

## 28.7 Punti Oħra

28.7.1 Is-SE infurmat li skont ma kien informa s-Sindku wara diskussjoni li kellu mal-President tar-Reġjun, ir-Reġjun kien se jħallas għal 2 cameras kompluti bl-installazzjoni b'kollox. Min-naħa l-oħra, it-3 camera kienet se tiġi provduta bla ħlas imma l-Kunsill irid jagħmel tajjeb għall-installazzjoni. Is-SE infurmat li kienet għamlet kuntatt mal-persuna inkarigata biex jiltaqgħu fuq il-post u tingħata kwotazzjoni għall-installazzjoni tat-tielet camera.

28.7.2 Hawnhekk ġibdet l-attenzjoni li għalkemm kienu tpoġġew it-*twin walls* fil-post fil-Visitors Centre, kien hemm problema minħabba li l-kuntrattur li ħadimhom kien naqas milli jinkludi ċertu kimika għall-*waterproofing* u għaldaqstant bħalissa kienu għaddejjin serje ta' testijiet biex jikkonfermaw jekk kif inħadem ix-xogħol huwiex ekwivalenti għal dak mitlub fuq l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. Dan ifisser ukoll li x-xogħol kien reġa' waqaf u waqa' aktar lura.

28.7.3 Hawnhekk kien hemm diskussjoni dwar il-possibbiltà li ssir inawgurazzjoni tat-torri tal-arloġġ u għaldaqstant in-nies jingħataw l-opportunità li jżuruh. Ovvjament dan kollu kien jiddependi mid-direttivi li jinħarġu mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika.

28.7.4 Is-SE staqsiet lis-Sindku jekk kienx għamel kuntatt mas-Sur Gavin Gulia dwar il-produzzjoni tal-vidjo għall-*Visitors Centre*. Is-Sindku informa li kellu laqgħa l-ġimgħa ta' wara.

28.7.5 Is-SE infurmat li kienet ippubblikat l-avviż dwar il-vakanza għal Contracts Manager fuq bażi ta' 20 siegħa fil-ġimgħa. Din kienet tagħlaq nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju 2021.

28.7.6 Is-SE infurmat li d-DLG kienu kkonfermaw li approvaw li l-Kunsill jingħata €3000 f'fondi ta' aġġustament biex jintużaw bħala parti mill-ispiża involuta lejn il-video tal-Visitors Centre.

28.7.7 Hawnhekk reġgħet ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsillier Sammut Dimech dwar il-bżonn li l-Kunsill jibda jaħseb kif se tibda tinfetaħ u topera l-*Interpretation Centre*. Hija ssuġġeriet li jkun hemm xi grupp volontarju jew xi koperattiva preferibbilment magħmula minn residenti tal-lokal li jkunu jistgħu jagħtu numru ta' sigħat fil-ġimgħa għal-lokalità.

28.7.8 Is-SE infurmat li skont ma kienet ġiet infurmata, il-Kunsill kien rebaħ madwar €20,000 mill-MAGF għall-proġett tal-foresta tal-frott bejn l-eks barracks. Hija infurmat li l-applikazzjoni kienet tinkludi wkoll madwar €20000 oħra f'xogħol ta' tindif u taħwil fuq il-bosk imma sfortunatament min-naħa tal-Awtorità tal-Artijiet ma kinux bagħtu n-no objection biex seta' jiġi approvat.

28.7.9 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand TCTC għall-korsijiet tal-kompjuter. Hija infurmat li l-baġit li kien irnexxielha talloka għal dik is-sena għall-korsijiet kien ta' €1000 għas-sena sħiħa. Ir-rakkomandazzjoni tas-SE kienet li għal din is-sena tinqabeż għaliex il-Kunsill m'għandux fondi neċessarji biex jitħallsu l-miżati li qed jitolbu. Il-Kunsill qabel li m'għandux jissieħeb.

28.7.10 Id-DLG kien talab għal aktar informazzjoni dwar il-proposta tal-Kunsill dwar il-proġett ta' aċċessibilità u mobilità fejn il-Kunsill kien applika għall-estensjoni tal-bosk.

28.7.11 Is-SE infurmat li kienet attendiet għal seduta l-Qorti dwar il-ħsara li kienet saret fi Triq Sir Leslie Rundle xi sentejn ilu minn sewwieq ta' karozza tal-linja. Hija qalet li kienet ġiet infurmata li s-sewwieq kien tħalla jitlaq minn Malta. Hija infurmat li kienet se tiġbor l-informazzjoni kollha biex tibgħat email lill-Malta Public Transport biex jiġu rkuprati l-ispejjeż li tħallsu aktar minn darba mill-Kunsill Lokali wara ħsarat li saru fuq din il-bankina. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lill-MPT min-naħa tal-Avukat tal-Kunsill u jintalbu jroddu l-flus lura għall-ħsarat li saru. Sadanittant infurmat li kienet intbagħtet email lil TM dwar il-bollards li ssuġġerixxa l-Kunsill imma r-risposta kienet li ma jistgħux jitwaħlu fit-triq jew fit-tarf kif issuġġerit. Hawnhekk kien hawn diskussjoni u fl-aħħar kien hemm qbil li għandhom jiġu ordnati xi ftit pots kbar biex jitpoġġew fuq in-naħa ta' barra tal-bankina biex iservu ta' deterrent għal min jipprova jitla' fuqha.

28.7.12 Dwar il-floodlight żgħira li twaħlet fi Triq Dar il-Kaptan, is-SE infurmat li l-qbil bejn il-Kunsill kien li jinxtegħel id-dawl bl-inqas spejjeż possibbli minħabba li l-bankina u l-arbli jridu jerġgħu jinqalgħu. Fil-fatt, oriġinarjament il-Kunsill kien qabel li dan ix-xogħol kollu għandu jsir is-sena d-dieħla għaliex m'għandux fondi biex jirranġa s-sistema tal-elettriku. Hija infurmat li biex issir arm ġdida kif propost mill-Viċi Sindku kien hemm spiża addizzjonali ta' €375 + VAT + Labour. Wara diskussjoni, il-Kunsill xorta waħda qabel li l-kuntrattur għandu jintalab jagħmel arm minflok il-floodlight.

28.7.13 Il-Kunsillier Fenech staqsa lis-SE jekk ġietx mgħarrfa dwar talba li qed jagħmel resident biex isir membrane fuq ħawt fi Ġnien is-Sinjura. Is-SE infurmat li kienet sejra fuq il-post mal-Perit tal-kunsill.

## 28.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

28.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 5/2021), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Viċi Sindku ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 28.9 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

28.9.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7:50pm u ġiet aġġornata għall-24 ta' Ġunju fis-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2021.

Dr Daniel John Attard
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv